**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 248/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Rodrick Muscat**
**(ID 436087(M))**

**Illum 30 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Rodrick Muscat** ta' 22 sena, iben George u Maria Teresa nee` Gatt, imwieled il-Pieta`, nhar is-27 ta' Settembru 1987, residenti Flat 2 Blokk C2, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 436087(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-24 ta` Ottubru 2009, kif ukoll f'dan l-aħħar xahar, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'ohra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Matla), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi minkejja li fis-seduta tal-1 ta' Frar 2016, id-difiza talbet lill-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-għan talbet sabiex tressaq il-provi tagħha dwar l-applikabilita' tal-imsemmi artikolu, dan id-difiża baqgħet m'għamlitux minkejja li ġiet konċessa numru ta' differimenti għall-istess skop, u għaldaqstant

fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2017, il-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiża magħluqin u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni finali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u semgħet lid-difiża tirrimetti ruħha għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-**Ispettur Jesmond J. Borg**[1] jirriżulta illi l-investigazzjoni li wasslet għall-każ odjern bdiet wara numru ta' telefonati anonimi dwar traffikar ta' droga ġewwa Bormla, fl-inħawi magħrufa bħala San Ġwann T'Għuxa. Skont ix-xhud, il-pulizija għamlet osservazzjonijiet f'dan il-post, fejn kienu jaraw żewġ persuni ossia lil Rodrick Muscat, l-imputat odjern u lil ċertu Clayton Azzopardi u li hemmhekk dawn kienu jużaw kamra fil-ħitan fl-istess akkwati, fejn kienu jmorru wkoll diversi persuni, jagħmlu kuntatt magħhom u jitilqu. Nhar l-24 ta' Ottubru 2009, għall-ħabta tat-3.00 p.m., pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga wkoll kienu qed jagħmlu xi osservazzjonijiet fuq il-post, meta waslet vettura tal-għamla Hyundai Stellar bin-numru ta' reġistrazzjoni DAM 501, misjuqa minn Clayton Azzopardi, li pparkja l-vettura fl-imsemmi post. Miegħu kien riekeb l-imputat odjern bħala passiġġier. Ix-xhud jgħid ukoll illi l-imputat ġie osservat jarmi xi pakketti b'sustanza bajdanija, iżda tfittxijiet oħrajn fuq il-persuna tal-imputat u fil-vettura rriżultaw fin-negattiv. Ix-xhud ikompli jgħid illi wara li ġie stabbilit illi kemm Azzopardi, kif ukoll l-imputat kellhom ċavetta għall-katnazz tal-kamra li kienet qegħda tiġi osservata, din infetħet u hemmhekk fil-presenza ta' Azzopardi, instabu żewġ biċċiet suspettati raża tal-*cannabis*, miżien elettroniku, qartas żgħir li kien fih trab kannella u wara plakka tad-dawl, instabet borża li kien fiha ċirka 19.6 grammi ta' trab kannella. Iż-żewġ persuni ġew arrestati u l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-24 ta' Ottubru 2009. Ix-xhud esebixxa DVD, immarkat bħala Dok. JB1, li kien inġibed fl-istess akkwata minn membri tal-Iskwadra kontra d-Droga waqt l-osservazzjonijiet li kienu qegħdin isiru u skont ix-xhud, fih jidher l-imputat jagħmel kuntatt ma' persuna oħra u jgħaddilu xi ħaġa. Huwa esebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat (Dokument JB2), *mobile* phone li nstab fuq il-persuna tiegħu (Dokument JB3), is-sustanza misjuba ossia żewġ boroż b'sustanza kannella u borża b'sustanza bajda (Dokument JB4), biċċa raża tal-*cannabis* (Dokument JB5), miżien elettroniku (Dokument JB6), biċċa qartas li nstab f'radju fil-kamra (Dokument JB7) u s-sustanza misjuba fil-plakka fil-ħajt (Dokument JB8).[2]

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 8 sa 12 tal-proċess.

[2] PS 1086 Johann Micallef ikkonferma illi Dok. JB5 kienet is-sustanza suspettata raża tal-*cannabis* misjuba fil-kamra, Dok. JB8 kienu ż-żewġ kantunieri ta' boroż misjuba fil-plakka mal-ħajt tal-kamra u Dok. JB6 bħala l-miżien elettroniku li nstab fil-kamra. Huwa għaraf il-qartas suspettat li jikkontjeni l-eroina li wkoll instab fil-kamra u għalkemm hawnhekk il-Qorti tirreferi għal Dok. JB4, x'aktarx li dan sar bi svista għaliex sussegwentement fl-istess xhieda, wara li x-xhud jagħraf it-tliet qratas li kien indikalu PS 891 dakinhar, il-Qorti terġa' tirreferi għal Dok. JB4. Bl-istess mod, PC 10 Trevor Cassar Mallia jagħraf Dok. JB6 bħala l-miżien

**PS 579 Antoine Micallef**[3] jgħid illi nhar is-17 ta' Ottubru 2009, huwa għamel osservazzjoni fuq San Ġwann T'Għuxa ġewwa Bormla, fejn kmieni wara nofsinhar waslet vettura b'xi persuni fiha, fosthom l-imputat u ċertu Clayton Azzopardi, li daħlu f'kamra ġewwa għalqa. Jgħid illi qagħdu jistennew, waslet persuna u għaddewlha xi ħaġa. Ta' dan kollu huwa ġibed filmat u għaddih lill-Ispettur Jesmond Borg. B'referenza għal Dok. JB1, jgħid illi dan mhuwiex il-filmat li ġibed hu, għaliex dan ġie maqlub f'DVD. Jgħid ukoll illi fl-24 ta' Ottubru 2009 reġa' mar għall-osservazzjoni, iżda preżenti fuq il-post kien hemm ukoll uffiċjali oħra mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga u huwa tahom l-istruzzjonijiet sabiex setgħu jwaqqfu lil Azzopardi u lill-imputat odjern.

Ix-xhud **PS 1086 Johann Micallef**[4] jikkonferma illi dakinhar tal-24 ta' Ottubru 2009, kienet qed issir osservazzjoni fuq kamra ġewwa l-imsemmi post u għall-ħabta tat-3.00 p.m., PS 579 qalilhom li waslet vettura tal-għamla Hyundai Stellar bin-numru ta' reġistrazzjoni DAM 501. Ikkonferma wkoll illi din kienet misjuqa minn Clayton Azzopardi u illi l-imputat odjern kien riekeb miegħu bħala passiġġier. Jgħid illi dak il-ħin, huwa mar fuq Clayton Azzopardi, fil-waqt illi PS 891 Oscar Baldacchino mar fuq l-imputat u nfurmah (lix-xhud) li ra lill-istess imputat jarmi tliet qratas taħt saqajh. Da parti tiegħu, **PS 891 Oscar Baldacchino**[5] jikkonferma li x'ħin l-imputat u Azzopardi ħarġu mill-vettura, hu u l-kollegi tiegħu avviċinawhom u huwa nnota lill-imputat jarmi mal-art tliet boroż kontenenti sustanza suspettata droga. Dawn inġabru u sussegwentement ġew mgħoddija lill-Ispettur Jesmond J. Borg. Dwar dan, **PC 10 Trevor Cassar Mallia**[6] jgħid illi x'ħin l-imputat ħareġ mill-vettura, huwa ra lil PS 891 jiġbor tliet boroż minn taħtu, wara li l-istess PS 891 kien qal li ra lill-imputat jarmi tliet boroż bi trab abjad. Da parti tiegħu, imbagħad, **PS 1220 Chris Baldacchino**[7] jgħid illi x'ħin Azzopardi u l-imputat niżlu mill-vettura, huwa mar fuq l-imputat u rah jarmi żewġ boroż fl-art, ġabarhom u ssiġillahom quddiem l-istess imputat. Skont ix-xhud, fihom kien hemm sustanza kannella.

PS 1086 Johann Micallef jgħid illi kemm Azzopardi, kif ukoll l-imputat odjern kellhom ċwievet fil-pussess tagħhom, li kienu jaqblu mal-kamra li kienet qegħda tiġi osservata minnhom. Daħlu fil-kamra ma' Azzopardi u minn hemmhekk ġew elevati miżien elettroniku, biċċa suspettata raża tal-*cannabis* u qartas suspettat bl-eroina u wara plakka nstabu żewġ boroż bi trab kannella wkoll suspettati li kienu jikkontjenu l-eroina. PC 10 Trevor Cassar Mallia wkoll jikkonferma illi mill-

---

elettroniku li nstab fil-kamra, Dok. JB4 bħala l-boroż li ġew elevati minn PS 891, Dok. JB7 bħala l-qartas li nstab fil-kamra, Dok. JB8 bħala dak li kien hemm wara l-plakka tad-dawl, Dok. JB5 bħala r-raża li kien hemm fil-kamra u Dok. JB3, il-*mobile phone* li nstab fuq l-imputat. PS 891 Oscar Baldacchino kkonferma li Dok. JB4 kien jikkontjeni l-boroż li kien ġabar huwa stess.

[3] A fol. 25 u 26 tal-process.

[4] A fol. 17 sa 19 tal-proċess.

[5] A fol. 23 sa 24 tal-proċess.

[6] A fol. 20 sa 22 tal-proċess.

[7] A fol. 51 sa 52 tal-process.

kamra ġew elevati miżien elettroniku, biċċa raża tal-*cannabis*, borża bi trab kannella suspettat eroina u li wara plakka tad-dawl, instabet borża b'ammont konsiderevoli ta' trab kannella suspettat eroina.

Mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[8], maħtur mill-Qorti sabiex janalizza d-dokumenti esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur bħala Dok. JB4 sa Dok. JB8, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat S/B/37/2012 li fih kien hemm:

a) Borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm: (i) karta bil-kliem Data: 24/10/2009 Ħin: 14:40hrs Elevat/i minn fuq il-persuna ta' Roderick Muscat fil-presenza ta' Roderick Muscat stess minn PC10, PS891 u (ii) *mobile phone*.

b) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata **JB4** li fiha: (i) karta bil-kliem Data: 24/10/2009 Ħin: 14:40hrs Elevat/i minn mal-art ħdejn il-persuna ta' Roderick Muscat fil-presenza ta' Roderick Muscat minn PS 1220, PS 891 (ii) żewġ qratas tal-plastik trasparenti li fihom *paste* ta' lawn kannella u (iii) qartas tal-plastik trasparenti li fih sustanza ta' lewn bajda.

c) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata **JB5** li fiha kien hemm: (i) karta bil-kliem Data: 24/10/2009 Hin: 15:00hrs Elevat/i minn fuq sink ġol-kamra fil-presenza ta' Clayton Azzopardi minn PS1220, PS1086 u (ii) sustanza ta' lewn kannella.

d) *Evidence bag* bin-numru **A02169520** immarkata **JB6** li fih: (i) miżien ta' lewn griż b'xi traċċi ta' lewn abjad.

e) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata **JB7** li fiha kien hemm: (i) karta bil-kliem Data: 24/10/2009 Hin: 15:00hrs Elevat/i minn ġor-radio tal-kamra fil-presenza ta' Clayton Azzopardi minn PS1086 u PC 1220 u (ii) qartas tal-karti li fih trab ta' lewn kannella.

f) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata **JB8** li fiha kien hemm: (i) karta bil-kliem Data: 24/10/2009 Hin: 15:00hrs Elevat/i minn wara plakka fil-ħajt fil-presenza ta' Clayton Azzopardi minn PS1086, PC 1220, PC 1319 u (ii) żewġ boroż tal-plastik trasparenti li fihom sustanza ta' lewn kannella.

Dwar dawn id-dokumenti, l-espert ikkonkluda bil-mod kif ġej:

[8] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 31 *et seq* tal-proċess.

a) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella u mis sustanza ta' lewn bajda fid-dokumenti ndikati fil-paragrafu (b) *supra* nstabet is-sustanza kokaina, f'piż totali ta' 6.87 grammi u b'purita` ta' ċirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi l-qratas li fihom instabet il-kokaina (Dok. JB4) kellhom piż rispettiv ta' 3.50 grammi, 2.48 grammi u 0.89 grammi, iżda l-piż tas-sustanza fl-ewwel żewġ qratas hawn indikati ttieħed bil-plastik ukoll stante li s-sustanza kienet f'forma ta' *paste.*

b) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella fid-dokument indikat fil-paragrafu (ċ) *supra*, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza derivanti mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piz tas-sustanza kien ta' 0.25 grammi b'purita' ta' cirka 6.0%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

c) Illi fuq *swab* meħuda minn fuq il-mizien fid-dokument indikat hawn fuq fil-paragrafu (d) instabu s-sustanzi kokaina u eroina.

d) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella fid-dokumenti fuq indikati fil-paragrafi (e) u (f) instabet is-sustanza eroina. Il-piż totali tat-trab kien ta' 18.98 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 25%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ġiet ukoll ippreżentata relazzjoni mill-espert **Dr Martin Bajada** maħtur mill-Qorti f'dawn il-proċeduri. Għalkemm fir-relazzjoni tiegħu, l-espert jindika illi b'digriet tal-Maġistrat Dr. Edwina Grima tas-17 ta' Jannar 2012, huwa ġie nominat sabiex joħroġ il-kontenut minn fuq iċ-ċellulari esebit bħala Dok. JB3, ossia l-*mobile phone* li nstab fuq il-persuna tal-imputat, u effettivament kien dan li huwa għamel kif jirriżulta mir-relazzjoni tiegħu, madankollu, bid-digriet tagħha tal-imsemmija data, din il-Qorti kif diversament preseduta ma ħatritx lill-imsemmi espert għal dan il-għan, iżda "*sabiex jara d-DVD esebita bħala Dok. JB1 u jniżżel minnha stills relevanti għall-każ*"[9] u dan wara talba f'dan is-sens da parti tal-Prosekuzzjoni. Dan l-inkarigu baqa' ma twettaqx mill-imsemmi espert.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, nhar l-24 ta' Ottubru 2009, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun

[9] Ara a fol. 7 tal-proċess.

assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2012, b'referenza għall-istqarrija tal-imputat, id-difiża talbet illi din tiġi skartata bħala prova u dan fid-dawl tas-sentenzi mogħtija fl-istess żmien mill-Qorti Kostituzzjonali. Dwar dan il-Prosekuzzjoni wieġbet illi l-istqarrija ttieħdet skont il-liġi viġenti fiż-żmien tal-każ u li għalhekk ma kellhiex tiġi skartata.

Jeħtieġ għalhekk illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat odjern nhar l-24 ta' Ottubru 2009.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu*

*konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sandro Spiteri</u>** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u wisq inqas li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fil-każ ta' **<u>Philippe Beuze vs Belgium</u>** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

"*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

...

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-*

*Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Prosekuzzjoni qed tistrieħ *inter alia* fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit waqt tali interrogatorju. Huwa evidenti illi jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji

diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat. Fil-każ odjern, l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti fl-istqarrija minnu rilaxxjata u tenut kont tal-fatt illi l-persuni nvoluti fil-każ odjern kienu tnejn u li t-tnejn kellhom aċċess għall-kamra fejn instab ammont ta' eroina tali li m'huwiex normalment assoċjat ma' użu personali, iżjed u iżjed huwa l-każ illi kemm il-darba din il-Qorti tieħu tali stqarrija in konsiderazzjoni, din ser ikollha impatt determinanti fuq l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrija tal-imputat u għalhekk qegħda tiskartaha, kif qegħda tiskarta wkoll dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg li tagħmel referenza għal tali stqarrija u għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad, permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina u permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, bil-pussess aggravat tad-droga eroina.

Dwar ir-reat ta' pussess aggravat ossia pussess ta' droga f'tali ċirkostanzi li juru li d-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Spiteri</u>**, "*meta l-ammont ta'*

*droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jħallux dubju dwar il-fatt illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess tad-droga kokaina. Jirriżulta mix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino illi huwa ra lill-imputat jixħet fl-art tliet boroż kontenenti sustanza suspettata droga, fil-waqt illi PS 1086 u PC 10 ikkonfermaw li PS 891 qalilhom li huwa ra lill-imputat jixħet tliet iqratas fl-art, fil-waqt illi skont PC 10, l-istess PS 891 proċeda billi ġabarhom. Skont il-konklużjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, dawn il-boroż, esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur bħala Dok. JB 4, kienu jikkontjenu d-droga kokaina. Skont ir-relazzjoni tal-istess espert, il-piż tat-trab f'dawn il-boroż kien ta' 6.87 grammi, b'purita` ta' ċirka 8%. Din kienet maqsuma fi tlett qratas separati f'piż rispettiv ta' 3.50 grammi, 2.48 grammi u 0.89 grammi, għalkemm kif ingħad iżjed 'il fuq, b'referenza għall-ewwel żewġ qratas, il-piż jinkludi wkoll il-piż tal-borża.

Mill-provi prodotti, jirriżulta wkoll illi fil-kamra in kwistjoni nstabu tliet pakketti bid-droga eroina ossia pakkett żgħir f'piż ta' 0.25 grammi u żewġ boroż oħrajn f'piż ta' 8.99 grammi u 9.74 grammi rispettivament, apparti biċċa raża tal-*cannabis* u miżien elettroniku li fuqu nstabu kemm traċċi tal-eroina, kif ukoll tal-kokaina. L-aħħar żewġ boroż instabu wara plakka ġewwa l-ħajt tal-istess kamra, fil-waqt illi l-ewwel borża nstabet ġewwa radju fil-kamra, kif jirriżulta mit-*tag* mal-esebit in kwistjoni.

Kemm l-imputat odjern, kif ukoll Clayton Azzopardi kellhom aċċess liberu għal din il-kamra stante illi t-tnejn kellhom fil-pussess tagħhom ċavetta għall-istess. Fid-dawl ta' dan, u b'mod partikolari stante illi d-droga eroina nstabet f'postijiet mhux daqstant evidenti, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina jekk tirriżultax ippruvata, fil-grad rikjest mil-liġi, x-xjenza tal-imputat odjern dwar din id-droga.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs John Borg** deċiża nhar it-23 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal pussess ghal finijiet tal-ligi in dezamina, din il-Qorti diga' kellha l-opportunita' li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Seiffedine Mohamed Marshan**".*

*F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra ecc) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkostanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett, u jekk dak l-oggett jirrizulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap 101, allura l-Ligi tipprezumi, salv prova kontrarja, imqar fuq bazi ta' probabilita', li l-pussessur kien jaf illi dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P vs Charles Clifton, App Krim 5 ta' Lulju, 1982).*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Keith Stagno Navarro**, deċiża nhar is-27 ta' April, 2006 ingħad hekk dwar l-element tax-xjenza rikjest mil-liġi:

"*Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero' dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe' li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f' dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija.*"

Il-Qorti qegħda tqis ukoll il-kontenut tal-filmat esebit mill-Prosekuzzjoni u miġbud fis-17 ta' Ottubru 2009 ossia ġimgħa qabel l-arrest tal-imputat odjern u ta' Azzopardi. Fl-istess filmat jidhru l-imputat, flimkien ma' żewġ persuni maskili telgħin lejn il-kamra in kwistjoni u f'partijiet oħra tal-istess filmat jidher l-imputat bil-qegħda fuq siġġu fl-istess akkwati ta' din il-kamra, f'mumenti minnhom jiġbed xi ħaġa minn imniffsejh. Jidhru wkoll f'partijiet oħra tal-filmat, żewġt irġiel ħdejn l-imputat u t-terz li tela' miegħu oriġinarjament lejn il-kamra u anke jidher l-imputat jgħaddi xi ħaġa furtivament lil wieħed minnhom, għalkemm x'kien tali oġġett il-Qorti ma tistax tgħid. F'mument ieħor jidher ukoll raġel ieħor fil-kumpanija tal-istess imputat u taż-żewġt irġiel li fil-bidu tal-filmat jidhru telgħin lejn il-kamra.

Minn tali filmat, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-imputat kien familjari sew ma' din il-kamra u l-akkwati tagħha, apparti li kif ingħad kellu aċċess għaliha. Il-Qorti lanqas m'għandha dubju illi tali kamra kienet tintuża sabiex minnha tiġi spaċċjata d-droga u dan qed jingħad fid-dawl ta' diversi fatturi, fosthom fl-ewwel lok, l-ammont ta' droga eroina misjuba fl-istess kamra u dan b'mod partikolari b'referenza għaż-żewġ boroż li nstabu wara l-plakka fil-ħajt f'piż totali ta' 18.73 grammi, ammont dan li ċertament m'huwiex tali li wieħed normalment jassoċjah ma' użu personali, u fit-tieni lok, l-akkwati fejn tinsab din il-kamra, il-kontenut tal-filmat fuq imsemmi fejn jidhru, kif ingħad, persuni ġejjin u sejrin f'tali kamra u fejn jidher ukoll l-imputat jgħaddi xi ħaġa lil wieħed minn dawn il-persuni. Veru li l-Qorti ma tista' tassumi xejn, iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, meta wieħed jikkunsidra l-mod furtiv kif l-imputat għadda tali oġġett lit-terz, kif ukoll dak li nstab fil-kamra ġimgħa wara u l-fatt li fil-pussess tiegħu l-imputat kellu wkoll ammont ta' droga kokaina, anke b'miżien fil-kamra li fuqu kellu traċċi kemm tal-eroina, kif ukoll tal-kokaina, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għal din il-konklużjoni. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi apparti li l-imputat jidher imiss imniffsejh wara li deher jiġbed xi sustanza, kumbinazzjoni f'mument minnhom anke tnejn mill-persuni preżenti jidhru jmissu mniffsejhom fl-istess waqt!

Naturalment a bażi tal-filmat, il-Qorti ma tistax tgħid x'tip ta' sustanza ġiet mgħoddija mill-imputat lit-terz. Biss fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, fid-dawl ukoll tal-ammont ta' kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat, minkejja li l-piż ta' tali droga ttieħed bil-borża b'kollox u għalhekk irid jonqos xi ftit, in vista tal-fatt illi fil-jum tal-arrest tiegħu l-imputat kien sejjer proprju fil-kamra osservata fil-filmat matul il-ġimgħa ta' qabel, u minkejja wkoll illi tenut kont tal-kontenut tal-istess filmat, l-imputat x'aktarx ukoll kien jagħmel użu minn din id-droga, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, madankollu, għalkemm kif ingħad, fl-istess kamra nstab ammont ta' droga eroina, fi kwantita` li mhuwiex normalment

kompatibbli ma' użu personali ta' droga, stante li d-droga nstabet wara plakka fil-ħajt u f'radju (dwar din tal-aħħar, kif jirriżulta kemm mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, kif ukoll mit-*tag* annessa mal-esebit in kwistjoni), u għalhekk f'post mhux tant evidenti, ikkunsidrat ukoll illi ma kienx l-imputat waħdu li kellu aċċess għal tali kamra, il-Qorti ma tqisx li jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar din id-droga hekk misjuba fil-jum in kwistjoni. Għaldaqstant, l-imputat mhux qed jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni in kwantu din tikkontempla l-pussess aggravat tad-droga eroina, iżda biss tal-pussess 'sempliċi' tal-istess u dan fid-dawl tal-fatt illi nstab ukoll fl-istess kamra miżien, li fuqu kellu traċċi tad-droga eroina.

L-istess irid jingħad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li permezz tagħha l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis*, liema raża instabet fuq is-sink fl-istess kamra, għal-liema kif diġa` ingħad, l-imputat kellu aċċess liberu u ma' liema l-imputat kien ukoll familjari sew. Għaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis illi l-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern kienet waħda netta.

Tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, in-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, b'mod partikolari dak ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll l-ammont ta' droga in kwistjoni. In oltre għal fini ta' piena, qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2009 u li l-każ beda jinstema' sentejn u tliet xhur wara, f'Jannar 2012, għalkemm il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fi żmien relattivament qasir ossia f'Jannar 2013. Da parti tagħha d-difiża baqgħet ittawwal il-proċeduri inutilment sakemm il-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiża magħluqin fis-27 ta' Novembru 2017. Għalhekk fil-maġġor parti tiegħu, id-dewmien kien dovut lill-imputat li, wara kollox, baqa' ma ressaq l-ebda prova minkejja li ngħataw lid-difiża numru ta' differimenti għal dan l-iskop.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsmiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, iżda qed issibu ħati tal-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina, fil-waqt illi qed issibu ħati wkoll tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u qed

tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva u multa kumplessiva ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, iżda fid-dawl tal-fatt illi l-imputat odjern mhuwiex jinstab ħati fir-rigward tal-eroina misjuba u analiżżata (ħlief għal miżien), huwa qed jiġi kkundannat iħallas nofs l-ispejjeż relatati ma' tali ħatra fis-somma ta' mija, disgħa u għoxrin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€129.38), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fiż-żmien xahrejn mil-lum. Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada stante li huwa ma ġiex maħtur mill-Qorti sabiex jespleta l-inkarigu li effettivament espleta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti esebiti bħala Dokumenti JB 4, JB 5, JB 6, JB 7 u JB 8 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi żmien ġimgħa mil-lum, l-Uffiċjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa neċessarju illi din id-droga tiġi preżervata għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-każ, ir-Reġistratur għandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun ġiet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat